# GHAQDA MUŻIKALI BELAND

## 1797 - Iż-Żejtun - 1997

It-28 u l-ahhar Gran Mastru tal-Ordni Ġerosolmitan ta' San Ġwann, Ferdinand von Hompesch, ghandu rabta speċjali maż-Żejtun. Kien il-Gran Mastru li lir-rahal taghna tah it-titlu (u ġieh) ta' Belt, bhal ma ta lis-Siġġiewi u lil Haż-Żabbar.

### Malta minn Tfulitu

Fl-eta ta' 12 il-sena, Ferdinand, iben Isabella von Bylandt - Rheydt u Wilhelm von Hompesch zu Bolheim, kien diġa jinsab Malta bhala pagg ta' Gran Mastru, u ghall-fatt li ghadda snin it-tfulija, iż-żghożija, l-adoloxxenza u s-snin ta' anżjanita fostna ... kien jaf lil Malta ... u tghid Malti ma kienx jaf !! Hompesch kien elett unanimament Gran Mastru, 4 t'ijiem wara l-mewt ta' De Rohan, li grat fit-13.7.1797. it-titlu ta' Belt, inghatalna fit-30 ta' Diċembru 1797 - sitt xhur qabel it-tluq tal-Gran Mastru minn Malta, wara li l-Franċiżi okkupaw Gżiritna, u b'hekk temmew 268 sena ta' hakma Ġerosolmitana. Von Hompesch halla Malta fis-17 ta' Ġunju 1798 fuq vapur merkantili Awstrijak, fi triqtu lejn Trieste. Abbdika fis-sena ta' wara (1799), u miet fi Franża f'Mejju 1805.

### Il-Kastell

Arnold Christopher, in-nannu ta' Hompesch, missier ommu, kien ha pussess tal-kastell Rheydt fl-14 ta' Mejju, 1701. Dan il-kastell kien mibni fuq propjeta ta' Abbazija li kien hemm fil-belt ta' Mönchengladbach. F'dan il-kastell, illum rinovat, il-Banda Beland kienet mistiedna idoqq fiċ-ċelebrazzjonjiet li fl-1994 saru fl-okkazzjoni tal-ftuh uffiċċjali mill-ġdid ta' dan l-imsemmi Kastell, propjeta u residenza tal-familja ta' omm il-Granmastru, ghal żmien twil.

### Soċjeta Kulturali Otto von Bylandt

L-istedina biex il-banda daqqet f'dik l-okkazzjoni, kienet saret tlett snin qabel, waqt żjara li s-Soċjeta kulturali Ġermaniża, Otto von Bylandt, li ghandha s-sede taghha propju fil-Kastell Rheydt, ghamlet lil din is-Soċjeta Mużikali, liema żjara sehhet il-Hadd 14 ta' April '91, permezz tal-kuntratti li kien ghamel s-Sur Walter Xerri, li ghalkemm Ingliż u jghix l-Ingilterra, missieru kien Żejtuni, wara li kien sar jaf li fiż-Żejtun kienet teżiżti Ghaqda li ghandha l-istess isem bhal dik li hemm fil-Ġermanja, u b'hekk iltaqa' ma' membri tas-Soċjeta imsemmija. Hawn Malta, is-Sur Xerri kellu kuntatti mal-President tal-Każin, Dr. Alexander Cachia Zammit, dak iż-żmien ukoll kien Ambaxxatur ghall-Vatikan ... u b'hekk nibtet hbiberija, bejn iż-żewġ soċjetajiet, li fethet orrizzont ta' okkazzjonijiet ghaż-żewġ nahat.

### Nissugerixxi

J'Alla dan il-kuntatt bejn iż-żewġ Soċjetajiet jibqa' haj ... jibqa' jiffunżjona. Bhala rahal nifhem li ghandu jkun il-Kunsill Lokali li jahseb ghall-attivitajiet li jfakkru gheluq il-200 sena minn meta ż-

*... Ikompli f'pagna 31*

**D. & L. Unisex Boutique**

**Ladies / Gents / Children's Casual Wear**

*Triq id-Duluri, Zejtun*

# GHAQDA MUŻIKALI BELAND



Il-Kastell fejn jinsab is-Soċjeta' Kulturali Germaniża Otto von Bylandt

... *Ikompli minn pagna 29*

Żejtun ġie mgħolli għad-dinjita' ta' Belt. Il-Kunsill huwa l-għola rappreżentanza tan-nukleju ta' poplu li jgħix fir-raħal jew belt partikolari - fid-dmir - li dan iċ-ċentinarju (200 sena) bit-titlu ta' Belt: Blyandt) għandu jiġi mfakkar kif xieraq, u li s-Soċjeta tagħna, li ġġib l-istess isem: Blyandt 'Beland', li allura kontinwament ifakkarna fit-titlu li ngħatajna, tkun minn ta' quddiem biex tieħu sehem fl-attivitajiet, li nittama se jiġu organizzati, aktar tard din is-sena, għal dan il-għan. Mhux biss, iżda li s-Soċjeta tiċċelebra wkoll fi ħdana, dan l-avveniment, galadarba addottat għaliha isem belt raħalna ... u min jaf kieku tagħmel stedina lis-Soċjeta Kulturali Otto von Bylandt tal-Ġermanja, biex tattendi għaċ-ċelebrazzjonijiet!

**Frans Zahra.**


# Waterline Restaurant

Salini Road, M'Scala — Tel: 632946

***The place that offers you satisfaction.***
***Fish dishes are our Speciality***

**WE ALSO OFFER TAKE AWAY SERVICE**

Waterline Bar/Restaurant

## E. J. RILEY SNOOKER TABLES

New & Reconditioned
Also: Table Cloth, Cues & other Billiard Accessories

J. Montebello Ltd

8, December 13th Square, Zejtun
**Sole Agent: J. Montebello Ltd., Zejtun**
*Tel. / Fax. 693701 Mobile. 099 8712*


